MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tat-22 ta' Settembru, 2003

Talba Numru. 988/2003

**Pater Finance Co. Ltd**

**Vs**

**Alfred Aloisio u martu Patrizia Aloisio**

It-Tribunal,

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-16 ta' Mejju, 2003, fejn intalab li l-konvenuti jigu kkundannati ihallsu lis-socjeta attrici s-somma ta' disa' mija u hamsa u tletin lira Maltin (Lm935) rappresentanti l-import ta' tmien kambjali wahda ta' Lm116 u sebgha ta' Lm117 il-wahda, debitament acettati u skaduti minn Ottubru 2002 sa Mejju 2003 rispettivament u mhux imhallsa, annessi ma'l-avviz u immarkati bhala dokumenti numri 1 sa 8 konsekuttivament u inkklusivament.

Bl-ispejjez, inkluzi Lm6 tal-konsult, u bl-imghax legali mill-iskadenza ta' kull kambjala sas-16 ta' Mejju 2003 li

jammontaw ghal Lm30, oltre l-imghax ulterjuri sal-pagament effettiv kontra l-konvenuti.

Ra n-nota ipprezentata mis-socjeta attrici fl-20 ta’ Gunju 2003 li permezz taghha hija cediet is-sorte tal-kawza stante pagament fil-mori, izda zammet ferm il-kap ta’l-ispejjez.

Ra li l-konvenuti debitament notifikati baqghu ma dehrux u l-anqas ma pprezenta risposta fir-rigward.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant it-Tribunal, wara li ra n-nota tas-socjeta attrici tal-20 ta’Gunju 2003, li permezz taghha hija cediet is-sorte stante pagament mill-konvenuti fil-mori tal-kawza, jastjeni milli jiehu konjizzjoni tal-mertu tal-kawza u jikkundanna lill-konvenuti ihallsu l-ispejjez ta’ dina l-istanza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------